***Tifkiriet tal-Gimgha l-Kbira li xbort mis-Socjeta tad-Duttrina Nisranija.***

Jekk wiehed jifli il-kitbiet ta' Dun Gorg Preca jew ajhar San Gorg Preca, il-Fundatur tal-Muzew (is-Socjeta tad-Duttrina Nisranija) mill-ewwel inissel fih l-idea kemm dan is-sacerdot qaddis kien bniedem medhi biss b'Gesu'. U hekk kif fi zmien il-Milied huwa kien jimla lil dawk ta' madwaru bl-ispirtu ta' ferh nisrani u spiritwali, fi zmien tal-Passjoni kien jaf jghaddi lil membri tieghu gid minn niket ta' l-Imghallem Divin tal-bnedmin. Ghemilu kiedn dejjem xiehda awtentika ta' Kristu. Hu ried li l-membri tieghu, dan l-ispirtu jghadduh lil ta' madwarhom.

Tul ir-Randan is-Superjur kien jigborna u jghaddilna r-rakkont tal-Passjoni ta' Gesu'. U biex jghin aktar hallil-messagg jidhol fina sew kien jinqeda bis-slides jew filmin. Niftakar li l-membri tieghu kull nhar ta' Hadd kienu jmorru fl-oqsma jew kappelli mxerrda mal-Gzira ta' Malta u Ghawdex biex jigbru lin-nies, kemm irgiel u nisa u jirrakontawlhom l-akbar imhabba ta' Kristu.

MetaAktar ma avvanzajt fis-socjeta muzewmina aktar bdejt nifhem kemm kienet prezzjuza din il-Gimgha ghal Dun Gorg. Il-Muzew kien jiehu xejra ta' gabra. F'Hadd il-Palm, wara li kienet tispicca l-Unjoni, laqgha ta' talb flimkien, is-Superjur kien jitlob biex il-prezenti jaghtu daqa t'idd biex jitnehhew l-inkwatri u jitnizzel il-kurcifiss li matul il-jiem tas-sena kien ikun imdendel mal-hajt fil-kappella. Tista tghid li f'radda ta' salib qabel immoru passiggata l-kappella kienet tkun ghera minn kollox hlief ghall-kurcifiss . Fl-intarata ta' qasam kienet tintrama d-Duluri bix-xema u fjuri biex jaghtu sens ta' gabra u meditazzjoni fuq l-akbar imhabba.

L-ghada t-Tnejn kien jibda s-silenzu u jibqa' sejjer sa Sibt il-Glorja. Xejn kliem zejjed hlief dak bzonnjuz. Flok il-qampiena li ssejjah il-laqgha kienet tintuza c-cuqlata. Il-kant li kien isir kien ikollu l-akkompanjament tad-daqq baxx ta' l-armonju. Anke id-duttrina li ssir matul il-gimgha, Dun Gorg riedha tieqaf sa Hadd il-Ghid biex dan il-programm isir bil-gabra li tixraqlu. U hekk jibda il-programm specjali maghruf tal-Gimgha l-Kbira.

Kien jimpressjonani li wahda mit-taqsimiet ta' dan il-programm kienet it-tifkira tal-passjoni ta' Kristu matul l-ewwel tlett ijiem tal-Gimgha l-Kbira b'modi differenti. It-Tnejn dawk prezenti kienu jsemmu personaggi jew oggetti marbutin mall-passjoni ta' Kristu, darb'ohra ntennu x'sofra Kristu Gesu', il-jum ta' wara dak l-ezercizzju memorjali jigifieri f'hiex tiftakar meta per ezempju tkun qed terfa xi haga tqila u min kien ikun imissu jwiegeb Kristu jerfa s-salib tqil.........etc.

Wara l-funzjoni ta' Hamis ix-Xirka konna niltaqghu fid-9 ta' bil-lejl biex hemm naghtu qima lil Wicc Kristu. Taht is-salib kien jintrama kwadru fuq bicca drapp vjola u l-prezenti kien jsemmu dawk in-nies li rawk lil Wicc ta' Kristu. Imb aghade tinghata qima solenni li dan il-Wicc.

Fil-jum tal-Gimgha l-Kbira konna niltaqghu biex kulhadd jghid xi tghlima mill-passjoni ta' Kristu. Wara tinghata qima solenni lil pjagi ta' Kristu. Ghalkemm dawn il-qimiet isiru kull nhar ta' Hamis u Gimgha, pero' f'dawn il-jiem isiru b'mod aktar solenni.

Dun Gorg tana ktieb maghruf bhala s-Sakrarju li jittratta fuq l-Ispirtu ta' Gesu' u hu minjiera ta' taghrif u talb. Hallielna l-ktieb maghruf bhala l-ktieb il-Kbir li hu taghlim l-aktar profond fuq Kristu Msallab

Pero' l-Gimgha l-Kbira ma tispiccax hawn. Taghlaq bil-Qawmien ta' Kristu, ghax Kristu ghamel rebha fuq l-mewt. Jekk Dun Gorg kien jaf inizzel niket u gabra hekk ukoll kien jaf inissel il-ferh ta' l-Ghid. X'ma tfux il-qalb b'dak il-ferh spiritwali meta fil-laqgha ta' jum il-Ghid tisma' il-kanta : Gesu Kristu Nazzarenu - Min hu dan Gesu Kristu Nazzarenu? u wara litanija shiha ta' tifhir lil Gesu li Alla l-Missier ghazlu fuq kulhadd u fuq kollox u jaghlaq kull strofa: Tifhir u glorja u benedizzjoni lil Gesu Kristu Nazzarenu.

Fl-ahhar konna nircievu figolla forma ta' haruf minn idejn is-Superjur.